*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,841, 9 ta' Diċembru, 2011*
*Taqsima B*

**A.L. 477 tal-2011**

## ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

### Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni u l-Immaniġġar ta' Riskji ta' Għargħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Rizorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni u l-Immaniġġar ta' Riskji ta' Għargħar, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni u l-Immaniġġar ta' Riskji ta' Għargħar, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 423.41

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Fis-subregolament (5) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "bi probabbiltà baxxa jew xenarji ta' avvenimenti estremi." għandhom jidħlu l-kliem "bi probabbiltà baxxa jew xenarji ta' avvenimenti estremi:", u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

> "Iżda għal żoni kostali l-Awtorità għandha tistabbilixxi kriterji sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx livell adegwat ta' ħarsien.".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti principali.

**3.** Fis-subregolament (3) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "Il-Pjan għall-Immaniġġjar tar-Riskju ta' Għargħar għandu jinkludi" għandhom jiżdiedu l-kliem "miżuri sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti skont is-subregolament (2) kif ukoll".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti principali.

**4.** Fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "informazzjoni rilevanti li jappartjenu għar-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma" għandhom jiżdiedu l-kliem "u għandhom jiġu koordinati ma', u jistgħu jiġu integrati fir-reviżjonijiet previsti fir-regolament 5(2) tal-imsemmija Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma".

**L.N. 477 of 2011**

## MALTA RESOURCES AUTHORITY ACT (CAP. 423)

### Assessment and Management of Flood Risks (Amendment) Regulations, 2011

IN exercise of the powers conferred by article 28 of the Malta Resources Authority Act, the Minister for Resources and Rural Affairs, in consultation with the Malta Resources Authority, has made the following regulations:-

Citation.

S.L. 423.41.

**1.** The title of these regulations is the Assessment and Management of Flood Risks (Amendment) Regulations, 2011, and these regulations shall be read and construed as one with the Assessment and Management of Flood Risks Regulations, hereinafter referred to as "the principal regulations".

Amends regulation 5 of the principal regulations.

**2.** In sub-regulation (5) of regulation 5 of the principal regulations, for the words "with a low probability or extreme event scenarios." there shall be substituted the words "with a low probability or extreme event scenarios:", and immediately thereafter there shall be added the following new proviso:

> "Provided that for coastal areas the Authority shall establish criteria for determining whether an adequate level of protection is in place.".

Amends regulation 6 of the principal regulations.

**3.** In sub-regulation (3) of regulation 6 of the principal regulations, immediately after the words "The Flood Risk Management Plan shall include" there shall be added the words "measures for achieving the objectives established in accordance with sub-regulation (2) as well as".

Amends regulation 7 of the principal regulations.

**4.** In paragraph (a) of sub-regulation (1) of regulation 7 of the principal regulations, immediately after the words "with relevant information pertaining to the Water Policy Framework Regulations" there shall be added the words "and shall be coordinated with, and may be integrated into, the reviews provided for in regulation 5(2) of the said Water Policy Framework Regulations".

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.09